**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DAVID SCICLUNA LL.D., MAG.JUR. (EUR.LAW)**

**Seduta ta' nhar-il Erbgħa 19 ta' Ottubru 2016**

**App. Nru. 400/13 DS**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Emanuel Muscat**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra l-imsemmi Emanuel Muscat, detentur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 584364M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fl-4 ta' Novembru 2012 għall-ħabta tas-06:25hrs waqt li kien qiegħed fl-inħawi ta' Had Dingli, kien qed jonsob għall-għasafar tal-għana matul l-istaġun magħluq għall-insib tal-għasafar, u dan bi ksur tar-Reg. 18(1)(c), L.S. 504.71;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-25 ta' Settembru 2013 fejn dik il-Qorti, wara li rat ir-Regolamenti 18(1)(c) u 7(1)(D) L.S 504.71 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-istess Emanuel Muscat, ħati ta' l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundannatu multa ta' seba' mitt euro (€700);

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Emanuel Muscat ippreżentat fis-26 ta' Settembru 2013 fejn talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata billi

tirrevokaha in kwantu sabitu ħati ta' l-imputazzjoni kif miġjuba kontrih u konsegwentement tilliberah minn kull piena u ħtija skond il-liġi, u f'każ li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata, li tiġi mposta piena aktar ekwa u ġusta għall-każ odjern;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet ix-xhieda; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant huma s-segwenti:

> "(1) Illi l-Ewwel Qorti naqset li tara li l-appellant ma nstabx fuq il-post jew nstab jonsob, u li fil-fatt kien marid id-dar. Illi meta xehed PC 804 dan qal li l-appellant ammetta li kien qed jonsob. Illi l-appellant cahad kategorikament li huwa kien qed jonsob izda kkonferma li l-inhawi huwa tieghu.
>
> "Illi bir-rispett kollu, l-Ewwel Qorti naqset milli tiehu in konsiderazzjoni l-fatt li f'dan il-kaz ma hemm l-ebda prova li l-appellant kien qed jonsob. Illi kull ma hemm hija l-verzjoni tal-Pulizija li qalu li l-appellant ammetta li kien qed jonsob – haga illi l-appellant xehed b'mod kategoriku li mhux minnu. Illi fl-aghar ipotezi, jekk stess jezisti dubju, dan ghandu jmur favur l-akkuzat;
>
> "(2) Illi s-sentenza moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti kienet wahda eccessiva u sproporzjonata. Konsapevoli mill-insenjament ta' Cesare Beccaria:
>
> "*'...che il fine delle pene non e di tormentare ed affiggerre un essere sensibli, ne di disfare un delitto gia` commesso...'*
>
> "L-appellant jixtieq li bl-akbar umilta` jissottometti li l-piena inflitta kienet eccessiva."

**6.** Dan huwa każ fejn jeżisti konflitt ta' provi. Mhuwiex kontestat li l-appellant għandu mansab fl-inħawi ta' Ħad-Dingli. Fl-4 ta' Novembru 2012 il-Pulizija kellhom rapport li persuna kienet qed tonsob għall-għasafar ta' l-għana meta l-istaġun kien magħluq. Effettivament P.S. 305 A. Gauci u P.C. 804 L. Formosa marru fuq il-post. P.S. 305 jgħid illi meta waslu raw persuna taħrab minn fuq il-post, qalgħu żewġ imnasab u ħarrbu l-għasafar li kien hemm. P.C. 804 ma jgħidx li raw persuna taħrab u jgħid illi sabu mansab armat u madwaru xi għasafar ta' l-għana u ma jgħidx li qalgħu l-mansab. P.S. 305 qal li daħlitlu informazzjoni li l-persuna setgħet kienet l-appellant u ngħata n-numru tal-*mobile* tiegħu. Ċempel u ġie fuq il-post l-appellant fi ftit minuti. P.S. 305 jgħid li saqsa lill-appellant jekk "l-imnasab kinux tiegħu kif ukoll l-għasafar kinux kollha tiegħu" u l-appellant wieġeb "li kollox kienu tiegħu". P.S. 305 jgħid ukoll li x-xibka ġiet mogħtija lilu dak il-ħin stess u l-appellant ġie ordnat biex ikompli jżarma l-mansab. P.C. 804 jgħid li meta l-appellant mar fuq il-post huwa "ammetta mas-surġent li kien qiegħed jonsob għall-għasafar ta' l-għana

waqt staġun magħluq". Quddiem din il-Qorti xehed P.C. 804 in kontro-eżami u qal li l-appellant ammetta li l-mansab kien tiegħu u li kien qed jonsob dik il-ġurnata partikolari.

**7.** L-appellant xehed illi meta wasal wara li ċempillu s-surġent, il-Pulizija kienu diġa` fil-Landrover fit-triq u mhux eżatt fil-post tal-mansab. Qal li lilu saqsewh għandux mansab u ammetta li kellu mansab iżda mhux ix-xibka fuq il-mansab. Insista li hu ma kellu xejn fuq il-mansab għax l-istaġun kien magħluq u kien ilu ma jersaq fuq il-post. Barra minn hekk kien qiegħed id-dar *on sick leave*. Difatti huwa ppreżenta ċertifikat mediku quddiem l-ewwel Qorti (a fol. 8 tal-proċess) mnejn jirriżulta li kien ġie eżaminat mit-tabib kuranti fit-2 ta' Novembru 2012 u ġie dikjarat li kellu jkun tajjeb għax-xogħol fis-6 ta' Novembru 2012. Mistoqsi dwar xi-xibka li P.S. 305 qal li tawh, l-appellant jgħid li dik ma kinitx tiegħu, hu rrifjuta li jeħodha u l-Pulizija ramewha fuq il-post.

**8.** Wara li qieset dawn il-verżjonijiet, din il-Qorti hi tal-fehma li, fuq bilanċ ta' probabilita`, l-appellant irnexxielu jipprova li kien hemm *misunderstanding* bejnu u P.S. 305, u cioe` li l-ammisjoni tiegħu kienet dwar li l-mansab kien tiegħu filwaqt illi l-pulizija fehmu illi l-ammissjoni ta' l-appellant kienet dwar kull ma kienu sabu fil-mansab. Din il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt taċ-ċertifikat mediku esebit mill-appellant. Lanqas ma tista' tinjora l-fatt illi lill-appellant ma sabuhx fuq il-mansab u li ġie bil-karozza tiegħu wara telefonata li għamillu P.S. 305. Jiġifieri ma jistax jiġi eskluż li kien hemm persuna injota li kienet qed tagħmel użu mill-mansab.

**9.** Għaldaqstant l-appell jimmerita akkoljiment.

**10.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara lill-appellant mhux ħati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu u tilliberah minn kull imputazzjoni u ħtija.